*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*
*73, ST. MARY STREET*
*TARXIEN. TXN 1704*
*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email :- tarxien.lc@gov.mt*

Kunsill Lokali – Ħal Tarxien – Local Council

# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 57

8 ta' Mejju 2023

Il-Kunsill Lokali Ħal Tarxien iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 73, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien TXN1704, fil- 5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Joseph Abela Galea – Sindku
Darlene Vella Zammit – Viċi Sindku
Neil Portelli – Kunsillier
Thomas Debattista – Kunsillier

SKUZAT:
Christian Pace – Kunsillier

ASSENTI:
Ismael Dalli – Kunsillier
Anabelle Marmara' – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **57.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 57.1.1 | Il-Laqgha tal-Kunsill Lokali bdiet fis-18.00pm ghax ma kienx hemm *quorum*. |
| 57.1.2 | Is-Sur Christian Pace informa lill-Kunsilliera li jaf jasal ghall-laqgha tard jew ma jlehhaqx minhabba sitwazzjoni li ma kellux kontroll fuqha u talab l-apologija tal-Kunsill. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ma nstabet l-ebda oggezzjoni f`dan ir-rigward. |
| **57.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 57.2.1 | Kopja tal-minuti tas-Seduta preċedenti nnumerata 55, il-minuti tal-laqgha b`urgenza nnumerata 56 flimkien mal-minuti tal-laqgha annwali kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ttieħdu bħala moqrija. |
| 57.2.2 | Is-Sa Darlene Vella Zammit pproponiet u s- Thomas Debattista ssekonda l-minuti tas-Seduta numru 55, il-minuti tal-laqgha b`urgenza nnumerata 56 flimkien mal-minuti tal-laqgha annwali u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **57.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| 57.3.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li Triq Ħal Tarxien Paola li ssemmiet waqt l-AGM se titranga u peress li l-Kunsill kien ikkupjat fil-korrispondenza intalab li t-Triq tinbeda wara Mejju sabiex tkun ghaddiet il-festa. |
| 57.3.2 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-attivita` tal-wirjiet tal-Gimgha l-kbira kienu success. |
| 57.3.3 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li gie nfurmat li fil-Pjazza hemm zewg *manholes* mirdumin that it-tarmakk jew il-madum u ghaldaqstant sabiex jikkonfermaw hemx il-hsara fid-dranagg irid isir tqattiegh. Is-Sindku qal li l-Perita qed issus warajhom sabiex jinbeda t-*Tender* tal-Pjazza u ghaldaqstant intlahaq ftheim li x-xoghol jibda` l-ghada tal-festa. |
| 57.3.4 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li ghadu qed jistenna risposta ghall-laqgha mal-BCRS. |
| 57.3.5 | Is-Sindku nforma l-Kunsilliera li s-*sleeping police* ta` Triq San Anard giet installata. |
| 57.3.6 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li tad-*District Operations* gew infurmati rigward ir-rikjesat li ghamel sabiex jigi assenjat haddiem iehor mal-Kunsill Lokali. |
| 57.3.7 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li il-kumitat tal-festa Marija Annunzjata gabu l-formola tal-applikazzjoni ghall- Transport Malta bid-dettalji kollha u giet iffirmata. |

| | |
|---|---|
| 57.3.8 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li rigward l-applikazzjoni PA/04508/18 qed issir oggezzjoni ghall-izvilupp. |
| 57.3.9 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li ntbghatu zewg applikazzjonijiet ghall-iskemi SPI/SCI/01/2023 - Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024 u SPI/SCI/02/2023 - Espressjoni ta' Interess għal servizz ta' manutenzjoni fil-Libreriji Lokali u Reġjonali fil-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex. |
| 57.3.10 | Is-Sindku nforma l-Kunsilliera li l-bozoz ghadhom ma twahlux u qed jingabru l-kwotazzjoniet ghall-*bollards* ukoll. |
| 57.3.11 | Is-Sindku nforma l-Kunsilliera li l-attivita` tal-Vittmi tal-gwerra kienet success. |
| 57.3.12 | Is-Sindku nforma l-Kunsilliera prezenti li l-attivita` ta` Jum l-omm kienet success. |
| 57.3.13 | Is-Sindku nforma l-Kunsilliera li l-proposta tal-Kunsillier s-Sur Christian Pace fuq tat-Triq it-Templi Neolitici kienet tajba u l-Kunsill jista` jara meta se jsir il-progett. |
| 57.3.14 | Is-Sindku nforma l-Kunsilliera li rcieva korrispondenza minghand ufficjal tal-*Heritage* Malta fejn gie nfurmat bi pjanta gdida ghall-quddiem it-Tempji Neolitic ghax fuq l-ewwel wahda kien hemm xi diffikultajiet. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li jekk ikun hemm qbil fuq id-disinn tintbghat l-applikazzjoni mill-*Heritge* lill-awtorita` tal-ippjanar u wara jinhareg it-*Tender.* Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ma kien hemm l-ebda` oggezzjoni f`dan ir-rigward. |
| 57.3.15 | Is-Sindku nforma l-Kunsilliera prezenti li jekk xi hadd ikun ha jattendi ghall-laqgha annwali generali tar-Regjun Port ghandu javza lill-amministrazzjoni sabiex tinforma lir-Regjun. |
| **57.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** |
| 57.4.1 | Ma kienx hemm. |
| **57.5** | **Rapporti** |
| 57.5.1 | Is-Sindku nforma l-Kunsilliera li nhar it-Tlieta 16 ta` Mejju 2023 se jilqa l-banda tal-festa ghal bibita fir-*Reach Out Centre-Community Hall.* |
| **57.6** | **Mozzjonijiet** |
| 57.6.1 | *Mozzjoni Numru* 2/2023<br>*Seduta Numru* 57<br><br>Jien Joseph Abela Galea is-Sindku qed naghmel din il-mozzjoni sabiex il-Kunsill Lokali ta` Ħal Tarxien japplika ghal skema li harget mid-Divizjoni tal-Gvern Lokali kif indikat hawn isfel; |



DAG

*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| | • **SPI/SCI/02/2023** - Espressjoni ta' Interess: *The World Clean up Campaign 2023*<br><br>Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera prezenti sar vot permezz ta` *show of hands* li rrizulta kif gej;<br><br>Proponent – Is-Sindku Joseph Abela Galea – Favur<br>Sekondant – Thomas Debattista – Favur<br>Il-Vici Sindku Darlene Vella Zammit- Favur<br>Il-Kunsillier Neil Portelli – Favur<br><br>Il-Kunsilliera prezenti ivvutaw il-maggoranza favur il-mozzjoni u li l-Kunsill Lokali ghandu japplika ghall-iskemi msemmija. |
| **57.7** | **Sejhiet ghall-offerti** |
| | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti li t-*Tender* tal-*istage* u s-siggijiet waqgha ghax il-prezz kien gholi hafna aktar mill-estimu tal-Kunsill u l-evalwaturi ma setghux isibu gustifikazzjoni. Is-Segretarju nforma lill-Kunsilliera li ha parir minghand il-persuna responsabbli mill-Fondi Norvegizi tad-Divizjoni tal-Gvern Lokali u qabel ma tintalab *direct order* kien tal-idea li t-*Tender* kellu jerga johrog. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li t-*Tender* jerga` johrog qabel ma tintalab *direct order.* |
| 57.7.1 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera li t-*Tender* tal-5 *aside* grawnd u l-bandli intalbet kjarifikazzjoni ghalih u se titkompla l-evalwazzjoni fil-jiem li gejjijn. |
| | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera li l-*call for quotations tal-laptops* kien inghalaq u l-*laptops* qieghdin il-Kunsill Lokali. |
| 57.7.2 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera li t-*Tender* tal-*Bulky* gie aggudikat u se jkun qed jibda` jopera fl-1 ta` Gunju 2023. |
| 57.7.3 | Is-Sindku nforma l-Kunsilliers prezenti li Gnien Joanne beda` jinghalaq sabiex jinbeda x-xoghol. |
| **57.8** | **Triq Lanzon** |
| 57.8.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li hemm applikazzjoni Triq Lanzon ghall-*double yellow lines* quddiem garaxx fejn l-individwu talab aktar tul milli taghtu Transport Malta. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li l-Kunsill ha decizzjoni li l-linji proposti mhux accettabli. |

| | |
|---|---|
| **57.9** | **Proposta ghal Triq ġdida bejn Triq San Tumas and Triq Marjanu Gerada** |
| 57.9.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera bi proposta ghal Triq gdida bejn Triq San Tumas and Triq Marjanu Gerada. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li -Kunsill Lokali ghandu jkellem lill-Perita sabiex jivverifika. |
| **57.10** | **Skema ta` teknoloġija ghall-komunita`** |
| 57.10.1 | Is-Sindku nforma l-Kunsilliera li hafna mill-Kunsilli Lokali jipprovdu lir-residenti servizz ta` tiswijiet u assitenza ohra fuq il-komjuters taghhom b`xejn darba f`sena. Is-Sindku qal li jixtieq igib il-kwotazzjonijiet u jirrovdi dan is-servizz lir-residenti tal-lokalita`. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ma nstabet l-ebda` oggezzjoni f`dan ir-rigward. |
| **57.11** | **Vakanza ghal skrivani fi skala 11, 15 u 16** |
| 57.11.1 | Is-Sindku nforma l-Kunsilliera li jekk jaqraw aktar l-isfel fuq l-Agnda hemm imnizzel rizenja ta` Segretarju Ezekuttiv u ssugerixxa li l-Kunsill jibda pagna gdida mad-Deputat Segretarju Ezekuttiv u l- vakanzi ta` skrivani ghal mal-Kunsill Lokali jinhargu meta tkun mahtura. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ma nstabet l-ebda` oggezzjoni f`dan ir-rigward. |
| **57.12** | **Approvazzjoni tal-*audited financial statements, representation letter* u l-*management letter* ghas-sena 2022** |
| 57.12.1 | Is-Segretarju Ezekuttiv prezenta tal-*audited financial statements*, r-*representation letter* u l-*management letter* ghas-sena 2022. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega dak l-instab fl-*audit* u ddiskuta t-twegiba ghall-*management letter reply*. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti l-*audited financial statements*, r-*representation letter* l-*management letter* ghas-sena 2022 u l-*management letter reply* gew approvati. |
| **57.13** | **Rizenja tas-Segretarju Ezekuttiv** |
| 57.13.1 | Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li tkelmet mad-Direttur Generali li ma tridx tibqgha tahdem mal-Kunsill Lokali ta` Ħal Tarxien u talbet sabiex ticcaqlaq. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li s-Sindku staqsiha meta ha titlaq u rrimarkat li dan ma tistghax tghidu ghax tkun irresponsabbli jekk titlaq qabel ma jigi agent u l-Kunsill ma jkunx jista` jiffunsjona minghajr Segretarju Ezekuttiv. Is-Segretarju Ezekuttiv ghaldaqstant proponiet lis-Sur Anoton Falzon sabiex jagixxi bhala Agent pero` qalet li d-decizzjoni hija tal-Kunsill u li d-Direttur Generali jista` wkoll jahtar Agent Segrtarju hu. Is-Segretarju Ezekuttiv skuzat ruha |



JAG

| | |
|---|---|
| | li ma wegbitx ghall-imejl li kien bghatilha s-Sindku sabiex taght l-ittra ta` rizejnja u rrimarkat li kienet tkun irresposabbli li taghlaq il-bieb tal-Kunsill hekk. Is-Sindku wiegeb li s-Segretarju Ezekuttiv ghandu jikteb fil-minuti li qed jiddikjara r-rezenja. Is-Segretarju wiegbet li ma tistghax tirrezenja ghax tkun qed tghalaq il-Kunsill u regghet infurmat lill-Kunsilliera prezenti li talbet lid-Direttur Generali sabiex titlaq mill-Kunsill ta` Ħal Tarxien u l-Agenda *item* saret ghax hi kienet responsabbli u ma qabditx u telqet u ghalqet il-bieb tal-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegbet lis-Sindku illi kieku taghtih ir-rizenja llum tkun qed taghlaq il-bieb tal-Kunsill u qalet li fil-minuti se titkteb li hi nfurmat lill-Kunsill Lokali li kelmet lid-Direttur Generali u talbet li titlaq mill-Kunsill ta` Ħal Tarxien u regghet irrimarkat li ma tistghax titlaq ghax ma hemx deputat. Il-Kunsillier is-Sur Thomas Debattista staqsa lis-Segretarju Ezekuttiv ghaliex id-Direttur Generali ma furmax lis-Sindku wkoll. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegbet li d-Direttur General kien ghajtila sabiex ikellima personali u qalla wkoll issemih u tinforma lis-Sindku li jekk isib xi problema jista` jkelmu meta jrid. Is-Sindku qal li ma ghandu xejn kontra s-Sur Anton Falzon imma jixtieq li tinhatar is-Sa Lianne Cassar bhal agent ghalissa. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ma nstabet l-ebda` oggezzjoni f`dan ir-rigward. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegbet li se tinforma d-Dipartimet ghada stess. Is-Sindku rringrazzja lis-Segretarju Ezekuttiv tal-hidma taghha. |
| **57.14** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti** |
| 57.14.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali s-skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 47/08) flimkien mal-lista tal- *petty cash* maħruġ matul ix-xahar ta' April 2023/Mejju 2023, għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| 57.14.2 | Fuq mozzjoni tas- Sa Darlene Vella Zammit ssekondatata mis- Sur Neil Portelli l-Kunsill Lokali unanimament approva l-listi li huma annessi u li jifformaw parti minn dawn il-minuti. |
| **57.15** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 57.15.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-19.05p.m. wara li giet ezawrita l-Agenda u giet aggornata ghal nhar it-Tnejn 5 ta' Gunju 2023 fis-6:00p.m. |

Konfermati, illum 8 ta' Mejju 2023.

**Joseph Abela Galea**
Sindku

**Emma Vella**
Segretarju Eżekuttiv

Lianne Cassar
Deputat Segretarju Eżekuttiv